KUNSILL LOKALI LOCAL COUNCIL

RABAT
*Citta' Vittoria*

KLR18/VI/2010

Minuti tal-laqgħa b'urġenza li saret nhar l-Erbgħa, 17 ta' Diċembru 2010 f'nofs in-nhar.

SKUZATI: Il-Kunsilliera – Joseph Debrincat u Michel Buttigieg

Intqalet it-talba

1. <u>Deputat Segretarju Ezekuttiv</u>

Billi s-Segretarja Ezekuttiva ser toħrog bil-*leave tal-maternita*, is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jipproponi lis-Sur Anthony M Zammit bħala Deputat Segretarju Ezekuttiv. Il-membri qablu li dan għandu jiġi propost lid-Direttur għal Gvern Lokali. Is-Sur Zammit kien l-ewwel Segretarju Ezekuttiv ta' dan il-Kunsill u offra s-servizz tiegħu f'diversi Kunsilli Lokali oħra.

2. <u>Proġett – Setting an Integrated Cultural Archeological and Historical Trail in Victoria</u>

Is-Sindku għarraf lill-membri li ssejħet din il-laqgħa b'urġenza minħabba din il-materja.

Wara l-applikazzjoni tal-Kunsill ġiet evalwata mill-Bord tal-ko-finanzjament, il-Kunsill intalab spjegazzjoni rigward id-*deficit* li għandu fil-prezent. Fit-13 ta' Novembru 2010, is-Sindku rrisponda u qal li l-Kunsill m'għamel ebda' *commitment* kapitali sabiex ikun jista' jkopril-ko-finanzjament ta' dan il-proġett. Il-Kunsill jemmen f'dan il-proġett u f'Memo 11/2010 hemm imnizzel ċar li l-proġetti mgħazula jgawdu awtomatikament mill-fond ta' ko-finanzjament għall-parti li ma tkunx iffinanzjata mill-fondi ta' l-Unjoni Ewropeja.

Is-Sindku għaldaqstant issuġġerixxa li l-Kunsill, permezz tiegħu, tas-Segretarju Ezekuttiv u ta' l-*accountant* jiffirmaw dikjarazzjoni li tgħid li l-Kunsill jobliga lilu nnifsu sabiex ma jidħolx għal ebda proġett ieħor kapitali. Sakemm dan il-proġett jiġi finalizzat fit-totalita' tiegħu.

Ara d-dokument anness.

**Banca Giuratale, Pjazza Indipendenza, Rabat VCT 1020 Għawdex, Malta**
**Tel. No. +356 21563344 Fax No. +356 21563355**
**Free No. 80075555**
**E-mail :- rabat.gozo.lc@gov.mt Website:- www.victoria.org.mt**
**Samuel Azzopardi – Sindku Marcell Tabone – Vici Sindku**
**Kunsilliera – Michael Portelli, Joseph Debrincat, Michel Buttigieg, Josef Schembri, Carmel Theuma**

3. Materji Oħra

Il-membri qablu li:-

3.1 tintbgħat talba lit-Transport Malta sabiex isir *double yellow line* fi Triq Sir M'Angelo Refalo, n-naħħa ta' Bellusa Bar. Dan peress li qed jipparkjaw barra mill-*parking bays*;

3.2 wara li ġew evalwati l-prezzijiet offruti sabiex tintrama t-tinda l-kbira għall-attivita' ta' l-ewwel tas-sena, jiġi mgħazul – Karl Borg events;

Il-laqgħa spiċċat fis-14.00.

Dr Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Seg. Ezekuttiv